

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Lisboa (il-Portugall) fis-26 ta' Frar 2018 – Agostinho da Silva Martins vs Dekra Claims Services Portugal SA

(Kawża C-149/18)

(2018/C 161/45)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação de Lisboa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Agostinho da Silva Martins

Konvenuta: Dekra Claims Services Portugal SA

Domandi preliminari

- a) Għandu jitqies li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Portugall tipprevali bħala regola imperattiva derogatorja, fis-sens tal-Artikolu 16 tar-Regolament “Ruma II” ⁽¹⁾?
- b) Din l-istess leġiżlazzjoni tista' tintfieh hemm bħala dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju li tistabbilixxi regola ta' kunflitt ta' liġijiet, fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament “Ruma II”?
- c) Din tista' tintfiehem fis-sens li fir-rigward ta' ċittadin Portugiż li ġarrab inċident tat-traffiku fi Spanja, għandha tapplika r-regola ta' preskrizzjoni prevista fl-Artikolu 498(3) tal-Kodiċi Ċivili Portugiż, fis-sens tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/103/KE ⁽²⁾?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU 2007, L 199, p. 40).

⁽²⁾ Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

Appell ippreżentat fit-23 ta' Frar 2018 minn Crédit mutuel Arkéa mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fit-13 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-712/15 – Crédit mutuel Arkéa vs Il Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża C-152/18 P)

(2018/C 161/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Crédit mutuel Arkéa (rappreżentant: H. Savoie, avocat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tannulla s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017 (T-712/15) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadhet it-talba ta' Crédit mutuel Arkéa intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2015 (ECB/SSM/2015 – 9695000CG7B84NLR5984/28) li tiffissa r-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-grupp Crédit mutuel.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka żewġ aggravji bbażati fuq:

- żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament Qafas dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jippermetti lill-BĊE jorganizza superviżjoni prudenzjali kkonsolidata ta' stabbilimenti affiljati ma' organu ċentrali minkejja li dan ma jkollux il-kwalità ta' stabbiliment ta' kreditu;
- żball fil-klassifikazzjoni legali tal-fatti, sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li Crédit mutuel tikkostitwixxi grupp suġġett għas-superviżjoni prudenzjali sa fejn tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 575/2013 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1).

Appell ippreżentat fit-23 ta' Frar 2018 minn Crédit mutuel Arkéa mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fit-13 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-52/16 – Crédit mutuel Arkéa vs Il Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża C-153/18 P)

(2018/C 161/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Crédit mutuel Arkéa (rappreżentant: H. Savoie, avocat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tannulla s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017 (T-52/16) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba ta' Crédit mutuel Arkéa intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 (ECB/SSM/2015 – 9695000CG7B84NLR5984/40) li tiffissa r-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-grupp Crédit mutuel.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka żewġ aggravji bbażati fuq:

- żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament Qafas dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku jippermetti lill-BĊE jorganizza superviżjoni prudenzjali kkonsolidata ta' stabbilimenti affiljati ma' organu ċentrali minkejja li dan ma jkollux il-kwalità ta' stabbiliment ta' kreditu;
- żball fil-klassifikazzjoni legali tal-fatti, sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li Crédit mutuel tikkostitwixxi grupp suġġett għas-superviżjoni prudenzjali sa fejn tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 575/2013 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1).